# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru 33**

**Rikors numru 18/2021/1 GM**

**Reuben Zammit Saliba Toledo**

**v.**

**Avukat tal-Istat u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2022 ġiet kjamata fil-kawża mart ir-rikorrent Glorianne Saliba Toledo**

1. Dan huwa appell wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha fejn l-appellant ilmenta minn vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif protetti bl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u wkoll bl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Permezz tas-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 2023 l-Ewwel Qorti applikat l-*provisos* tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 4(2) tal-Kap 319 u għażlet li ma teżerċitax is-setgħat tagħha taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija.

**Preliminari:**

## A. Fatti

1. Il-partijiet intavolaw proċeduri ta' separazzjoni personali quddiem il-Qorti tal-Familja u huma wkoll il-ġenituri tal-minuri Hope Zammit Saliba Toledo, li fi żmien li kienu intavolati l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, kienet għadha ta' età relattivament tenera.

2. L-appellant ingħata aċċess versu bintu kif segwenti u ċjoè: kull nhar ta' Tlieta, Ħamis, Sibt u Ħadd bejn l-4:00 pm u s-7:00 pm.

3. Jirriżulta illi fl-20 ta' Novembru 2019 l-appellata Glorianne Zammit Saliba Toledo ppreżentat rikors fejn allegat illi l-missier kien qiegħed kapriċċjożament jivvittimizzaha billi wara l-ħin tal-aċċess huwa mar bil-minuri Hope fl-għassa tal-Pulizija minflok id-dar tal-omm f'iktar minn okkażjoni waħda. Fid-dawl ta' dan l-appellata talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex ikun hemm ordni ċara illi l-missier u ċjoè l-appellant għandu jiġbor u jirritorna lill-minuri fir-residenza tal-omm qabel u wara l-ħin tal-aċċess.

4. Jidher illi sas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020 l-appellant ma kienx għadu notifikat bir-rikors tal-20 ta' Novembru 2019, u proprju waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020, li għaliha ma kienx preżenti l-appellant,

il-Qorti tal-Familja ddeċidiet *di sua sponte* u mingħajr ebda talba f'dan is-sens, li tissospendi l-aċċess tal-missier mal-minuri.

5. Jidher ukoll illi l-appellant naqas milli jattendi għal żewġ udjenzi konsekuttivi u ċjoè dik tal-23 ta' Jannar 2020 u dik preċedenti tat-8 ta' Novembru 2019.

6. Din l-informazzjoni kienet komunikata lill-missier permezz ta' *SMS* mibgħut mill-omm.

7. Dakinhar stess tat-23 ta' Jannar 2020, l-appellant ippreżenta rikors fejn talab lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* dak id-digriet.

8. Il-Qorti rriżervat li tipprovdi fuq ir-rikors tal-appellant u r-risposta relattiva għal dak ir-rikors fl-udjenza tal-5 ta'Marzu 2020, fejn permezz ta' digriet kamerali l-aċċess tal-missier versu l-minuri reġa' ġie restawrat, bil-kundizzjonijiet imposti mill-omm, u ċjoè illi jiġbor u jwassal lura lill-minuri fir-residenza tal-omm.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

9. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar l-14 ta' Jannar 2021, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrenti talab

dikjarazzjoni illi d-digriet u/jew verbal tal-Qorti tal-Familja datat il-5 ta' Marzu 2020 li jobbligah jiġbor u jirritorna lill-minuri fir-residenza tal-omm, huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u wkoll taħt l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

10. Talab ukoll dikjarazzjoni illi l-użu u/jew *customary law* u/jew prassi u/jew drawwa ġudizzjali u/jew proċedura ġudizzjali u/jew inkella konswetudni fil-każijiet quddiem il-Qorti tal-Familja li permezz tagħha huwa invarjabbilment il-persuna li għandu l-aċċess għall-minuri f'dawn it-tip ta' każijiet li huwa kostrett u jrid bilfors jiġbor u anke jwassal lura lill-istess minuri fi tmiem l-aċċess hija diskriminatorja u leżiva għad-drittijiet tiegħu hekk kif sanċiti fl-Artikolu 14 u wkoll taħt l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea liema użu jew prassi jew *customary law* ġiet iddikjarata u kkonfermata *verbatim* mill-Qorti tal-Familja stess fil-5 ta' Marzu 2020.

11. Jirriżulta mill-atti illi kontestwalment ma' dan ir-rikors promotur, ir-rikorrent intavola wkoll rikors promotur ieħor bir-referenza 17/2021 fl-ismijiet *Reuben Zammit Saliba Toldeo (K.I. 240988 M) f'ismu propju u għan-nom tal-minuri bintu Hope Zammit Salib Toledo u b'digriet tal-14 ta'Frar 2022 l-isem "Hope Zammit Salib Toldeo" għandu jaqra "Hope*

*Zammit Saliba Toldeo" Vs Avukat tal-Istat u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2022 ġiet kjamata fil-kawża mart ir-rikorrent Glorianne Zammit Saliba Toledo*, b'dan illi l-fatti, premessi u sottomissjonijiet kollha preżentati japplikaw fit-tnejn għaliex huma intrinsikament relatati.

12. Permezz ta' risposta datata 26 ta' Frar 2021, l-intimat Avukat tal-Istat laqa' għal dak mitlub billi *inter alia* eċċepixxa illi għall-integrità tal-ġudizzju għandha tiġi kjamata fil-kawża l-omm, u ċjoè Glorianne Zammit Saliba Toledo. Żied ir-rikorrenti kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju effettiv li jappella mid-digriet tal-Qorti tal-Familja tal-5 ta' Marzu 2020, liema rimedju r-rikorrenti għażel illi ma jużax. Fir-rigward l-ilment magħmul abbażi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, jargumenta illi dan l-artikolu jrid ikun marbut ma' dritt sostantiv ieħor taħt l-istess Konvenzjoni, xi ħaġa li r-rikorrenti naqas milli jagħmel. *Di piu* sostna illi l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 *ai termini* tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax. Lanqas ma jsib sostenn l-argument tal-"*customary law*" avvanzat mir-rikorrenti.

13. B'sentenza datata 26 ta' Settembru 2023, l-Ewwel Qorti sostniet illi: *"Bla ebda dubju r-rikorrent kellu u għad għandu mezzi u rimedji ordinarji biex jattakka d-digriet in kwistjoni, u li l-mezzi huma faċilment aċċessibbli u r-rimedji huma effettivi. Il-proċedura odjerna hija waħda frivola u vessatorja. Anzi, fuq l-istess ċirkostanzi, ir-rikorrent għal kawża*

*waħda, fetaħ tnejn (din u Rik. Nru. 17/2021). Il-podesta` "kostituzzjonali" ta' din il-Qorti m'għandhiex tintuża' b'kapriċċ; u abbużata biex tintuża' bħala xi qorti ta' reviżjoni tal-Qorti tal-Familja, li del resto hija magħrufa kemm tagħmel xogħol siewi minkejja x-xmara ta' kawżi ta' separazzjoni li għandha quddiemha."* Għaldaqstant il-Qorti għaddiet biex tapplika l-*provisos* tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 4(2) tal-Kap 319 u għażlet li ma teżerċitax is-setgħat tagħha taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija.

**C. L-Appell:**

14. L-appellant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u ntavola appell nhar is-16 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata tas-26 ta' Settembru 2023 *stante* li huwa ma kellux rimedju alternattiv u għaldaqstant tordna li l-kawża tkompli tinstema' fuq il-mertu salv kull provvediment ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

15. L-Avukat tal-Istat, wieġeb għall-appell permezz ta' risposta datata 30 ta' Ottubru 2023, u afferma illi s-sentenza appellata hija waħda ġusta u korretta u timmerita illi tiġi kkonfermata. Żied illi ġialadarba l-Ewwel Qorti ddikjarat illi l-kawża hija frivola u vessatorja, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, minn tali sentenza ma seta' jsir l-ebda appell.

Għalhekk l-appell odjern huwa null u inammissibbli. *Di piu*, jissottolineja illi għalkemm fit-tieni aggravju l-appellant jgħid li ħassu aggravat mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet illi l-kawża minnu ntavolata kienet waħda frivola u vessatorja, dik kellha tkun il-kwistjoni ewlenija u mhux sekondarja, u fil-fatt fit-talbiet tiegħu ma ssir ebda referenza għal dan, u jibbaża t-talba tiegħu unikament fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li kellu rimedju ordinarju effettiv. B'hekk id-dettami tal-artikolu 143 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx segwiti u għalhekk isegwi illi din il-Qorti hija prekluża milli tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti kinitx żbaljata meta kkunsidrat li l-kawża hija frivola u vessatorja għaliex ma kienx hemm talba f'dak is-sens.

16. Mingħajr preġudizzju għal dan kollu, sostna wkoll illi l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija waħda korretta; mhux kwalunkwe tilwima dwar aċċess għall-ulied tista' twassal għal azzjoni kostituzzjonali. Żied ukoll illi mhuwiex minnu dak indikat mill-appellant illi huwa ma setax jappella mid-digriet tal-Qorti tal-Familja għaliex *ormai* huwa ben saput illi l-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa illi tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat. *In ogni caso*, l-appellant kien konxju li kien għad hemm rimedji ordinarji li seta' faċilment għamel użu minnhom.

17. Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex l-ewwel tindirzza l-preġudizzjali avvanzata mill-appellat Avukat tal-Istat fir-rigward in-nullità u l-irritwalità tal-appell odjern, a tenur tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu

4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li l-Ewwel Qorti ddikjarat l-proċeduri ntavolati mill-appellant bħala frivola u vessatorja.

**Konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti**

*Il-preġudizzjali tal-irritwalità u nullità tal-appell wara dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-proċeduri in Prim'Istanza huwa frivoli u vessatorji.*

18. Filwaqt illi din il-Qorti tikkonferma pjenament il-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fis-sentenza fl-atti tar-rikors bin-numru 17/2021 GM, u tapplikahom għall-appell odjern, a skans ta' ripetizzjoni ttenni illi huma ta' relevanza l-kostatazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 2023 fl-atti tar-rikors odjern fejn għal darba oħra sostniet illi:

> *"Ir-rikorrent qiegħed jilmenta li digriet tal-Qorti tal-Familja tal-5 ta' Marzu 2020 u dak li jsejjaħ prassi li min jingħata aċċċess għal ulied minuri jrid jiġborhom u jirritornahom (kif ġie deċiż fl-istess digriet) hi leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Ir-rikorrent jgħid li ressaq rikors għar-revoka contrario imperio tad-digriet suċċitat.*
>
> *Dan ir-rikors iżda mhux in atti. Kellu wkoll dritt li jitlob permess lill-Qorti tal-Familja biex jappella quddiem il-Qorti tal-Appell mid-digriet. Dan m'għamlux lanqas.*
>
> *Bla ebda dubju r-rikorrent kellu u għad għandu mezzi u rimedji ordinarji biex jattakka d-digriet in kwistjoni, u li l-mezzi huma faċilment aċċessibbli u r-rimedji huma effettivi. **Il-proċedura odjerna hija waħda frivola u vessatorja. Anzi, fuq l-istess ċirkostanzi, ir-rikorrent għal kawża waħda, fetaħ tnejn (din u Rik. Nru. 17/2021).***
>
> ***Il-podesta` "kostituzzjonali" ta' din il-Qorti m'għandhiex tintuża' b'kapriċċ; u abbużata biex tintuża' bħala xi qorti ta' reviżjoni tal-Qorti tal-Familja, li del resto hija magħrufa kemm tagħmel xogħol***

> ***siewi minkejja x-xmara ta' kawżi ta' separazzjoni li għandha quddiemha.***
>
> *Decide:*
>
> *Għal dawn il-motivi, l-Qorti tapplika l-provisos tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 4(2) tal-Kap 319 u tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha taħt id disposizzjonijiet imsemmija. Spejjeż a kariku tar-rikorrent.**" (Enfażi ta' din il-Qorti.)"***

19. Din id-darba, konsegwentement għad-dikjarazzjoni tagħha illi dawn it-tieni sett ta' proċeduri ntavolati mill-appellant huma wkoll frivoli u vessatorji, l-Ewwel Qorti espressament iċċitat u invokat is-setgħat mogħtija lilha mill-leġislatur permezz tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 li jawtorizzawha tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha meta tkun sodisfatta li jeżistu mezzi xierqa oħra ta' rimedju għall-allegata leżjoni.

20. Minn eżami akkurat tal-atti l-Qorti rriżultalha illi dan il-punt kien għal darb'oħra indirizzat mill-appellant b'mod sekondarju meta fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-kwistjoni kellha hawnhekk ukoll tkun il-kwistjoni ewlenija indirizzata mill-appellant fl-appell tiegħu. Similment għar-rikors tal-appell preżentat kontestwalment ma' dak odjern, l-appellant reġa' llimita ruħu li jitlob lil din il-Qorti *"tirrevoka u tikkanċella is-sentenza appellata tas-26 ta' Settembru 2023..."* b'dan illi għal darba oħra l-appellant ma avvanza l-ebda talba speċifika sabiex din il-Qorti tikkunsidra tirrevedi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' frivoliżità u vessatorjetà

21. Il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet għal darb'oħra ċara meta affermat illi:

> "***Il-proċedura odjerna hija waħda frivola u vessatorja. Anzi, fuq l-istess ċirkostanzi, ir-rikorrent għal kawża waħda, fetaħ tnejn (din u Rik. Nru. 17/2021).***
>
> ***Il-podesta` "kostituzzjonali" ta' din il-Qorti m'għandhiex tintuża' b'kapriċċ; u abbużata biex tintuża' bħala xi qorti ta' reviżjoni tal-Qorti talFamilja, li del resto hija magħrufa kemm tagħmel xogħol siewi minkejja x-xmara ta' kawżi ta' separazzjoni li għandha quddiemha."***

22. Fir-rikors ta' appell odjern kif diġà aċċennat sopra, għal darb'oħra, din il-materja tpoġġiet fuq pjan sekondarju mill-appellant, u fil-fatt kienet trattata biss fit-tieni aggravju, u b'mod leġġer u superfiċjali għall-aħħar. Fl-appell odjern, lanqas ma ġie allegat xi forma ta' abbuż u lanqas ma nġabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti xi raġuni jew ġustifikazzjoni gravi jew impellenti li possibbilment setgħu jimmotivaw lil din il-Qorti tbiddel id-divjet ta' appell li l-leġislatur ried li jkun hemm meta jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' frivolożità jew vessatorjetà kif aktar 'il fuq imsemmi mill-Ewwel Qorti.

23. Din il-Qorti hija għalhekk konvinzjoni li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fil-każ odjern li t-talbiet tal-appellant kienu mhux biss frivoli iżda wkoll vessatorji għandha tiġi rispettata. Isegwi għalhekk li l-appell interpost huwa rritu u null in kwantu vjetat bis-subartikolu (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u bis-subartikolu analogu tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt illi tikkonferma dak kollu minnha rilevat fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: *Reuben Zammit Saliba Toldeo (K.I. 240988 M) f'ismu propju u għan-nom tal-minuri bintu Hope Zammit Salib Toledo u b'digriet tal-14 ta' Frar 2022 l-isem "Hope Zammit Salib Toldeo" għandu jaqra "Hope Zammit Saliba Toldeo" Vs Avukat tal-Istat u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2022 ġiet kjamata fil-kawża mart ir-rikorrent Glorianne Zammit Saliba Toledo* (17/2021 GM) tilqa' l-preġudizzjali sollevata mill-appellati u konsegwentement tiddikjara l-appell odjern bħala irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Spejjeż għall-appellant u billi l-appell hu wieħed frivolu l-appellant qed jiġi kundannat iħallas spejjeż addizzjonali ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) skont paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kap. 12.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb